SOĊJETÀ FILARMONIKA LEONE
PARROĊĊA TAL-KATIDRAL



PR 01-18

24 ta' Jannar 2018

# STQARRIJA STAMPA

**Solidarjetà assoluta mas-Saċerdot Missjonarju Dun Anton Grech**

Is-Soċjetà Filarmonika Leone u l-Parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex, jesprimu solidarjetà assoluta mas-Saċerdot Dun Anton Grech li qed jagħmel xogħol straordinarju fil-Missjoni li qed iwettaq fil-Gwatemala.

Il-Missjunarju Dun Anton Grech twieled u trabba fir-Rabat, Għawdex. Wara li studja fis-Seminarju tad-Djoċesi ta' Għawdex u ġie ordnat saċerdot, huwa ħa l-Presbiterat fil-Knisja Katidrali ta' Santa Marija. Aħna, li lkoll nafu sew lil Dun Anton Grech sa minn tfulitu, u li nsegwu l-impenn enormi missjunarju tiegħu, niddikjaraw u nikkonfermaw bl-aktar mod assolut, l-integrità impekkabbli ta' dan is-saċerdot fil-ħidma tiegħu missjunarja ġewwa l-Gwatemala. Dun Anton iddedika ħajtu fil-missjoni u nammiraw il-ġid kbir spiritwali u soċjali fi ħdan din il-missjoni. Huwa dejjem ta rendikont dettaljat tal-fondi u għajnuna mibgħuta lilu, u konvintissimi li dawn il-fondi u għajnuna ġew utillizzati bl-akbar responsabbiltà u integrità.

Għaldaqstant, waqt li nagħtuh is-sapport tagħna f'dawn il-mumenti diffiċli, nawgurawlu aktar ħidma fost il-fqar fi ħdan il-Knisja ġewwa l-Gwatemala, u sabiex xejn u ħadd ma jaqtagħlu qalbu.

Dr Michael Caruana LL.D.
President Soċ. Fil. Leone

Thomas Bajada
Segretarju Soċ. Fil. Leone

Mons. Joseph Sultana
Arċipriet Parroċċa Katidral